MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru 337/2007

**Il-Pulizija**
**v.**
**Andre` Apap**

**Il-Qorti**:
Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andre` Apap (ID 22789G – D.O.B. 25/04/1989) talli nhar id-29 ta` Jannar 2007 ghall-habta ta' 21:45hrs waqt li kien fi Triq l-Isqof Pace, Rabat, Ghawdex

1. Saq karozza ta' ghamla Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni IBI-782 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta; u aktar
2. Talli saq l-istess vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni rigward ir-riskji ta' terzi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta' Settembru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andre` Apap hati skond l-ewwel imputazzjoni u

kkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50), izda lliberatu mit-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-12 ta’ Ottubru 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; innutat li l-appellat Apap, permezz ta’ l-abbili difensur tieghu Dott. Georgine Grech, ikkonceda li fid-data ta’ l-incident in kwistjoni hu kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il sena, izda gibed l-attenzjoni ta’ din il-Qorti ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 ossia tal-Kodici Kriminali;

Peress li mill-kumpless tal-provi u anke fid-dawl ta’ dak verbalizzat fl-udjenza tal-lum, jirrizulta, kif del resto qed jikkontendi l-appellant Avukat Generali fir-rikors tieghu, li fid-29 ta’ Jannar ta’ din is-sena l-appellat Apap ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni proprju ghax kien taht l-eta` - u dan apparti dak li jipprovdi s-subartikolu (1A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104;

Tilqa` l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-appellat Apap instab hati skond l-ewwel imputazzjoni u fejn gie kkundannat multa ta’ hamsin lira (Lm50), thassarha u tirrevokaha fil-bqija u cioe` f’dik il-parti fejn gie liberat mit-tieni imputazzjoni, u minflokk, wara li rat l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 u l-Artikoli 31 u 37 tal-Kodici Kriminali tiddikjara lill-imsemmi Andre` Apap hati wkoll skond it-tieni imputazzjoni, tikkundannah (dwar din it-tieni imputazzjoni) ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25), (konvertibbli f’hamest ijiem detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi), u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------